

## Domanda preliminari

“Il-libertà ta’ stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi huma s-suġġett ta’ restrizzjonijiet f’sistema nazzjonali bbażata fuq l-għoti ta’ numru limitat ta’ konċessjonijiet u ta’ licenċji ta’ sigurtà pubblika relatati magħhom illi jipprovdu, b’mod partikolari:

- (a) l-eżistenza ta’ qafas ġenerali ta’ protezzjoni tas-sidien li għandhom konċessjonijiet maħruġa qabel, abbażi ta’ proċedura ta’ sejħa għal offerti li eskludiet parti mill-operaturi b’mod illegali;
- (b) il-preżenza ta’ dispożizzjonijiet li jiggarrantixxu ż-żamma *de facto* tal-pożizzjonijiet kummerċjali miksuba (projbizzjoni għal konċessjonarji ġoddha milli jistabbilixxu l-fergħat tagħhom ħdejn dawk digħi stabbiliti, mingħajr ma tiġi osservata distanza minima spċċifika inqas minn dik digħi eżistenti);
- (c) l-iffissar ta’ possibbiltà ta’ revoka tal-konċessjoni, inkluża l-possibbiltà li l-konċessjonarju jopera, anki indirettament, attivitajiet transkonfinali ta’ logħob li jkunu simili għall-logħob li għaliex tingħata l-konċessjoni, bil-konseguenza ta’ sekwestru ta’ garanziji għolja ħafna?”

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi) fl-20 ta’ Ottubru 2010 — Staatssecretaris van Justitie vs M. Singh**

**(Kawża C-502/10)**

(2010/C 346/61)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

## Qorti tar-rinviju

Raad van State

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Staatssecretaris van Justitie

Konvenut: M. Singh

## Domanda preliminari

Il-kunċett ta’ permess ta’ residenza li ġie formalment limitat, fil-kuntest tal-ewwel parti tal-Artikolu 3(2) u tal-Artikolu 3(2)(e) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE, tal-25 ta’ Novembru 2003, dwar l-istatus ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi permess ta’ residenza għal żmien determinat li, skont id-dritt Olandiż, ma joffri ebda possibbiltà li jinkiseb permess ta’ residenza għal żmien indeterminat, u dan anki jekk il-periżjodu ta’ validità ta’ dan il-permess ta’ residenza jista’ jiġi estiż u anki jekk minn dan jirriżulta li grupp partikolari ta’ persuni, bħall-mexxejja spiritwali u l-għalliema tar-relijjon, huwa eskużu mill-applikazzjoni tad-direttiva?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven administrativen sad (il-Bulgarija) fl-20 ta’ Ottubru 2010 — Evroetil AD vs Direktor na Agentsia “Mitnitsi”**

**(Kawża C-503/10)**

(2010/C 346/62)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

## Qorti tar-rinviju

Varhoven administrativen sad (il-Bulgarija)

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Evroetil AD

Konvenut: Direktor na Agentsia “Mitnitsi”

## Domandi preliminari

- (1) L-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2003/30/KE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-8 ta’ Mejju 2003, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-bijokarburanti jew karburanti oħra rinnovabbli għat-trasport (<sup>1</sup>), għandu jiġi interpretat fis-sens li d-definizzjoni tal-bijo-ethanol tħalli klinika wkoll prodotti bħal dak inkwistjoni, li għandu l-karakteristiċi u l-kwalitatijiet oġġettivi li ġejjin:

- jiġi prodott mill-bijomassa;
- il-produzzjoni ssir permezz ta’ teknoloġija spċċiali deskritta fl-ispeċifikazzjoni tekniċi dwar il-produzzjoni tal-bijo-ethanol, imfasslin mir-rikorrenti Evrotel AD u din it-teknoloġija hi differenti minn dik użata għall-produzzjoni tal-alkoħol etiliku ta’ oriġini agrikola, skont l-ispeċifikazzjoni tekniċi mfasslin mill-istess produttur;
- fih iktar minn 98,5 % alkoħol u s-sustanzi li ġejjin, li jrenduh mhux tajjeb għall-konsum: tipi ta’ alkoħol qawwija — minn 714,49 sa 8 311 mg/dm<sup>3</sup>; aldeide — minn 238,16 sa 411 mg/dm<sup>3</sup>; ester (etile aċetat) — minn 1 014 sa 8 929 mg/dm<sup>3</sup>;
- jissodisa r-rekwiżiți tal-istandard Ewropew pr EN 15376 għall-bijo-ethanol użat bħala karburant;
- huwa intiż biex jintuża bħala karburant u, fil-prattika, jintuża bħala bijokarburant billi jiżdied mal-petrol A95 u jinbigħ fil-pompi tal-petrol;
- ma jiġix żnaturat permezz ta’ proċedura ta’ żnaturament spċċiali.

- (2) L-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2003/30/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex il-prodott inkwistjoni jkun jista’ jiġi ddefinit bħala bijo-ethanol, jeħtieġ li fil-prattika jintuża bħala bijokarburant, jew huwa biżżejjed li jkun intiż biex jintuża bħala bijokarburant u/jew ikun oggettivamente adatt biex jintuża bħala bijokarburant?